

Annual Band Concert
2-3-4 December 1965.

1732

# MANOEL THEATRE

PELLEGRINI

953

# Your first salary in– now use your money wisely

**The grown-up way is to have a Mid-Med Bank Cheque Book.**

Your Mid-Med Bank Cheque Book is a reliable way of handling your money. You do not carry with you more cash than absolutely necessary and still buy what ever you may need by cheque. Once you have a current account you can ask Mid-Med to pay instalments and other regular payments on your behalf. You will also receive periodically, or on request, a statement giving you a record of what you've put in, spent and have left in your account.





**Grow up – use a Mid-Med Bank Cheque Book.**

Open a Current Account with one of the Mid-Med branches spread throughout Malta & Gozo.

Mid-Med Bank Limited

Reliability and Efficiency

**E. BAKALOWITS SÖHNE**



LIGHT FITTINGS
GIFT ARTICLES

GLASSWARE
CHINAWARE

MANUFACTURING PLANT AND
HEAD OFFICE
1171 Viena Halirschgasse 17 Tel 46 56 36-0
Mailing Address P.O. Box 162 A 1171 Vienna

SHOWROOMS
1010 Vienna Spiegelgasse 3 Tel. 52 63 51, 52 79 91
5020 Salzburg Mozartplatz 4 Tel. 43 7 06, 42 6 83

Chandeliers, Lanterns and Wall Brackets in the Foyer of and Annex to the Manoel Theatre have been supplied by E. Bakalowits Sohne of Spiegelgasse 3, 10 10 Wien-Austria

AFTER THE THEATRE DINE
AT THE




**BOLOGNA RESTAURANT**

59, REPUBLIC STREET VALLETTA

*FIRST CLASS RESTAURANT*

**ITALIAN CUISINE**

FOR TABLE RESERVATION Phone 626149

*Associate to:—*

THE WINSTON — 16, High Street, Sliema — Tel. 34584
THE GREAT DANE RESTAURANT — Mellieha Holiday Centre, Mellieħa Bay — Tel. 373980
THE CARRIAGE PUB & GRILL — 68, The Strand, Sliema — Tel 32864
THE VICTORIA PUB & GRILL — Medisles Village, St. Andrew's — Tel. 36072
THE WINSTON'S XARA PALACE — St. Paul's Street, Mdina — Tel. 674001

*General Enquires 35800*

Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin u Kultura

TAQSIMA KULTURA

# KONKORS TAL-BANED 1983

Teatru Manoel

2, 3, 4, ta' Diċembru

2 ta' Diċembru

MOUNT CARMEL BAND CLUB — GZIRA

Surmast Direttur — CARMELO SCHEMBRI

*Egmond Overture Op. 84* L. *BEETHOVEN*

L-Egmond Overture op. 84 li Beethoven ikkompona bejn 1809 u 1810, hija waħda mil-l-ħafna bċejjeċ mużikali li huwa kiteb bħala mużika aċċidentali għall-'play' ta' Goethe. Il-Konti ta' Egmond, l-eroj fil-ġlieda għall-ħelsien ta' l-Olanda, jingħata l-mewt b'riżultat ta' konfoffa nfami.

Flimkien ma' bċejjeċ aċċidentali oħra, li jinkludu erba' 'entre actes' u żewġ għanjiet, l-Egmond Overture iżżanżnet waqt il-preżentazzjoni tal-'play' ta' Goethe fil-Burgtheatre, fi Vienna,fl-24 ta' Mejju, 1810.

Hija ħaġa tassew stramba li Beethoven, li kien jingħad li kien aktar sinfoniku milli drammatiku fl-opra tiegħu Fidelio, għandna mnejn insibuh aktar drammatiku milli sinfoniku fl-Overture orkestrali tiegħu.

*Tone Poem* CARMELO SCHEMBRI

Kien wasal ċertu mument fl-istorja tas-Sinfonija meta wara seklu sħiħ ta' svilupp f'din il-forma mużikali, il-kompożituri wżaw teknika armonika u orkestrali bħala mezz biex bih jesprimu emozzjonijiet profondi u romantiċi. Kienet twieldet forma ġdida mużikali - il-poeżija sinfonika.

Sew l-isem kif ukoll il-forza ġdida huma wirt il-famuż kompożitur Franz Listz u nsibuhom l-ewwel f'nofs is-seklu dsatax. Listz kien influenzat ħafna mir-romantiċiżmu ta' żminijietu u allura huwa żewwaq il-mużika tiegħu b'elementi letterarji, drammatiċi kif ukoll artistiċi.

Fi kliem ieħor huwa kien jikkomponi dak li ġie msejjaħ "Proramme Music". It-Tone Poem ta' Carmelo Schembri tiftaħ b'tema aggressiva akkumpanjata b'akkordji qawwija u moderni maħdumin fuq l-iskala ta' sitt noti msejħa 'Whole Tone'. Wara nisimgħu danza antika, Sarabande. Tirrepeti ruħha t-tema mingħajr akkumpanjament f'temp mużikali aktar mgħaġġel. Warajha 'Exposition', ta' Fuga, u Largo b'melodija fuq l-ewfonji, akkumpanjata mill-banda b'armonija klassika u moderna. It-tema ewlenija terġa' tinstema' biex twassal ix-xogħol mużikali f'Allegro għall-Final.

*Mancini Magic* H. MANCINI

Arranġamenti għall-Banda ta' Trevor L. Sharpe

Din il-mużika ta' H. Mancini tiġbor temi popolari u moderni ta' dan il-kompożitur tant imsemmi u hija it-test piece magħżula mill-organizaturi, li ser idoqq kull banda li qed tieħu sehem f'dan il-konkors. Il-punti le ser jingħataw mill-ġurija indipendenti ser ikunu :

| | |
|---|---|
| INTERPRETAZZJONI | 40% |
| INTONAZZJONI | 30% |
| BILANC | 20% |
| PREZENTAZZJONI | 10% |

## BANDA SAN GORG MARTRI, QORMI

Surmast Driettur — ABEL J. MIZZI

Il-Banda tiftaħ il-Programm tagħha bis-Sinfonia '*STELLA DEL MEDITERRANEO*' ta' Kompożitur Malti, s-Surmast Nikola Montebello. Is-Surmast Nikola Montebello twieled f'Ħal-Qormi fl-1875. Huwa beda jidderieġi l-Banda San Gorg M. ta' Hal Qormi fl-1909 u irriżenja fl-1924. Huwa kellu wkoll taħt id-direzzjoni tiegħu żewġ baned oħra, il-Banda tal-Mellieħa u taż-Żurrieq. Huwa kien kompożitur ta' Sinfoniji, marċi sinfoniċi, valzi, marċi brijużi kif ukoll marċi funebri. Huwa kien kompożitur ta' l-Operetta r-Reġina tad-Deżert.

Is-Sinfonija 'STELLA DEL MEDITERRANEO' kienet rebħitu d-Diploma d'Argento fl-10 ta' Mejju, 1928. Id-Direzzjoni hija ta' Mro. Chev. Abel J. Mizzi A. Mus. L.C.M., O.S.A.

*ANDREA CHENIER* — Selection

It-tieni xogħol f'dan il-Programm huwa Selection mill-Opra ANDREA CHENIER ta' Umberto Giordano. Din l-Opra f'eerba' Atti li ġiet rappreżentata għall-ewwel darba f'Milan fl-1896 fuq librett ta' Illica. Is-suġġett ta' din l-opra jittratta dwar ir-Rivoluzzjoni Franċiża. Din l-Opra Andrea Chenier hija waħda mill-isbaħ xogħolijiet li kellu Umberto Giordano.

*Mancini Magic* — H. MANCINI

3 ta' Diċembru

## GHAQDA MUZIKALI SAN MIKIEL, ZABBAR

Surmast Direttur — JOHN PACE

*Għanja Sinfonika taċ-Ċentinarju* — Mro. JOHN PACE

Oriġinarjament din il-mużika inkitbet u zzanznet fl-okkazzjoni tal-Ftuħ Uffiċċjali tal-Każin San Mikiel u ta' Għeluq il-Mitt Sena ta' l-istess għaqda.

Dan ix-xogħol jikkonsisti fi tlett movimenti. L-ewwel muviment li hu xi ftit bil-mod hu fuq id-dehra ta' l-Arkanġlu San Mikiel illi jsejjaħ lil poplu Zabbari biex jingħabar f'Għaqda Kasino Scuola ħalli jimxi l-quddiem fl-arti mużikali. It-tieni muviment huwa allegru-moderat u fih il-poplu Zabbari wieġeb billi fforma s-Soċjetà Filarmonika del Zabbar illum l-Għaqda Mużikali San Mikiel. Fil-waqt li l-egħluq jinvoka lil San Mikiel biex ikompli jdawwal din l-Għaqda Mużikali u jmexxiha fl-idejali tagħha għall-ġieħ ta' dawn il-gżejjer, dan l-aħħar moviment jispiċċa f'forma ta' allegro-vivace biex jagħti l-bixra lill din il-kompożizzjoni fil-forma vera ta' Għanja Sinfonika. Dan ix-xogħol, minbarra għall-Banda inkiteb ukoll għal Sopran, Tenur, Baritonu u Kor.

*Mancini Magic* — H. MANCINI

*Capriccio Italien* — P.I. TCHAIKOVSKY

Peter Ilich Tchaikovsky (Russu) twieled f'Viatka fl-1840 u miet f'St. Petersburg fl-1893. Ta' 23 sena ta' lilu nnifsu kollhu kemm hu għall-mużika. Studja fil-Konservatorju taħt Anton Rubinstein.

Il-vina melodika tiegħu, il-kulur orkestrali u l-espressjoni qawwija w emozzjonali tiegħu malajr għamluh famuż u popolari fl-Ingilterra u l-Istati Uniti.

Fost ix-xogħolijiet tiegħu nsibu 10 opri, 6 sinfoniji, poemi sinfoniċi, suites, piano concertos, ballet music u ħafna xogħol ieħor.

Ix-xogħol ta' dan il-kompożitur li ser nisimgħu llejla hu: "Capriccio Italien" Symphonic Poem Op. 45 miktuba fl-1880. Tchaikovsky ikkompona dan il-Capriccio waqt li kien fl-Italja u ħassu influwenzat minn melodiji Taljani.

4 ta' Diċembru

## DUKE OF CONNAUGHT'S OWN BAND CLUB, B'KARA

Surmast Direttur — ANDREW COLEIRO

*Egyptian Ballet* ALEXANDER LUIGINI

A. Luigini twieled ġewwa Leon fl-1850 u miet f'Pariġi fl-1906. Huwa beda l-istudju tiegħu fil-Konservatorju ta' Pariġi taħt il-vjolinista Massart u kompla taħt Massenet. Alexander sar vjolinista famuż u wkoll Direttur ta' l-opra.

Fost l-aqwa xogħolijiet tiegħu u għadha magħrufa ħafna hija l-Egyptian Ballet li hija mqassma f'erba movimenti li huma dawn :

1. Allegro non Troppo;
2. Allegretto;
3. Andante Sostenuto;
4. Andante Espressivo u finale non Troppo.

*Overture* *DUN MIKIEL XERRI* ADEODATO GAT

It-tmien (8) movumenti ta' dan ix-xogħol jiddiskrivu il-mewt traġika tal-Pattrijott (Zebbuġi) Dun Mikiel Xerri fi żmien il-ħakma Franċiża.

*LARGO LUGUBRE* — jiddiskrivi l-qtil ta' Dun Mikiel Xerri mill-Franċiżi fil-Pjazza tal-Belt Valletta.

*POCO PIU ANIMATO* — L-aħbar tal-mewt tinxtered malajr ma Malta kollha.

*FL-ALLEGRO GIUSTO & GRANDIOSO* — Insibu lill-Poplu iddispjaċut għal-mewt tal-Mexxej tagħhom u lest għal ġlieda tiegħu.

*MOLTO MENO* — Il-qniepen isejħu lill-Poplu għat-talb.

*FL-ANDANTE RELIGIOSO* — Issir it-talba ta' qabel il-ġlieda.

*ALLEGRO ROBUSTO & GWERRESCO* — Li tispiċċa r-rebħa għal-Maltin. Din ir-rebħa l-awtur jiddiskrivija premezz tal- moviment *ALLEGRO CON BRIO.*

Din l-Overture tagħlaq bil-Moviment *LARGO & GRANDIOSO* b'tifħir lill-Mexxej Malti Dun Mikiel Xerri u lill-Malta Rebbieħa.

*Mancini Magic* H. MANCINI

## BANDA LA STELLA, GUDJA

Surmast Direttur — ANGELO PACE

*JONE — FINALE TAT-TIENI ATT* PETRELLA

Petrella kien kompożitur ta' l-opri u għex fl-Italja fis-seklu li għadda. Li stil tiegħu kien dak romantiku; kiteb għadd ta' opri l-aktar waħda magħrufa hija bla dubju JONE li minnha sejrin nisimgħu l-Final tat-Tieni Att. Din l-opra kienet l-aktar waħda illi ġiet aċċettata mill-pubbliku, peress illi hija mimlija b'melodija sabiħa kollha tal-widna, u armonija ċara li tiftiehem minn kull-ħadd. Dan il-Final kien ġie rranġat għall-banda mis-Surmast Emmanuele Bartoli, li kien direttur tal-banda tar-riġiment f'Malta, u fuq il-partitura nsibu s-sena tal-arranġament, dik ta l-1880.

*Mancini Magic* H. MANCINI

### INTERMEZZO SINFONICO

### MALTA RISORGE TA' ANGELO PACE

Dan l-intermezz kompost minn Mro. Angelo Pace fl-1949 jiddeskrivi l-ħajja tal-poplu ta' dawn il-gżejjer fis-snin li ġew immedjatament qabel u wara l-gwerra dinjija. Malta, imfarrka u mkissra mill-għadu, imma le mirbuħa, imbikkija għal ħafna minn uliedha mitlufa waqt it-taqbida, riedet terġa' tqum fuq saqajha, riedet terġa' tieħu r-ruħ. Il-poplu Malti stinka u ħadem bis-sħiħ sa ma rnexxielu jerġa' jara l-Art twelidu fuq saqajha, kważi mwielda mill-ġdid. Dan l-intermezz jiddeskrivi t-tliet fażi tal-ħajja li Malta għaddiet minnhom i.e. il-hena tal-paċi qabel il-gwerra, il-qerda tal-gwerra u fl-aħħar is-sebħ ta' ħajja ġdida, u ta' tama fil-ġejjieni.

# STORJA TAS-SOĊJETA' FILARMONIKA

## MOUNT CARMEL, GZIRA

Is-soċjeta' ġiet imwaqqfa uffiċjalment fl-1948 u tgħodd fost il-fundaturi lil Wisq Reverendu Dun Karlu Manche', il-Kappillan ta' dak iż-żmien, is-sinjuri J.H. u P. Borg, H. Zammit, A. Farrugia u C. Scicluna li nħatar l-ewwel president tas-soċjeta'. L-ewwel kumitat iltaqa' fit-18 ta' Marzu 1948 fil-post tal-Kappillan.

Fl-1952 Ivo Vella sar is-suċċessur ta' Carmelo Meme' Scicluna u mill-1954 sal-1971 l-President tas-soċjeta' kien is-Sur Oscar Pulis. Is-Sur Pulis għamel ukoll sena oħra President fl-1979 f'għeluq il-ħamsa u għoxrin sena ta' servizz tiegħu fil-Kumitat u llum hu wieħed mill-membri onorarji tas-soċjeta'. Ħlief għas-sena 1979, mill-1971 sal-lum il-president tas-soċjeta' kien l-Onorevoli Avukat Michael Refalo.

Fil-bidu tagħha s-soċjeta' ma kellhiex sede fiss u l-membri kienu jiltaqgħu fid-dar tal-Kappillan Manche' u flokalitajiet oħra. Iżda dejjem kien hemm il-ħsieb li jinfetaħ lokal f'post ċentrali fil-Gżira. F'Settembru tal-1948 bl-għajnuna tal-Ministru Turu Colombo s-soċjeta' kriet mingħand il-Gvern il-każin li għadha tokkupa sallum. Mid-dokumenti tas-soċjeta' jidher li għalkemm din ġiet uffiċjalment imwaqqfa fl-1948, il-Banda Mount Carmel esegwiet l-ewwel programm tagħha fit-13 ta' Lulju 1947 fl-okkażjoni tal-Festa titulari tal-Madonna tal-Karmnu u probabilment dan il-programm ittella' meta l-banda ġiet iffurmata mill-istess fondaturi qabel id-data uffiċjali tat-twaqqif.

Fost is-surmastrijiet tas-soċjeta' nsibu lill-Mro. Anton Muscat Azzopardi, Mro. K. Zammit u Mro. C.G. Borg li baqa' fil-kariga mill-1953 sal-1980 meta rtira. Taħt id-direzzjoni tiegħu l-banda għamlet progress kbir l-aktar bl-inkoraġġiment ta' l-aljevi. Mro. Borg hu wkoll il-kompożitur ta' ħafna marċi u xogħlijiet oħra mużikali li jinsabu fl-arkivji tas-soċjeta'. Hu wkoll il-kompositur ta' l-Innu lill-Madonna tal-Karmnu li hu ġawhra tas-soċjeta' u li ndaqq l-ewwel darba fil-festa tal-1956.

Is-Surmast Carmelo Schembri hu d-direttur mużikali u nħatar fl-1981. Hu kompositur u rregala għadd ta' marċi u xogħlijiet oħra lis-soċjeta' fosthom it-"Tone Poem" li se tindaqq f'dal-Konkors 1983.

Fl-ewwel snin il-banda kienet tieħu sehem biss fil-festa tal-Gżira iżda biż-żmien bdiet tiġi mistiedna tieħu sehem fil-festi ta' għadd ta' bliet u rħula u anke biex tirrappreżenta lill-Assoċjazzjoni tal-Baned fl-isfilata tal-Karnival.

Fl-1973 saru l-festi li jfakkru l-25 anniversarju mit-twaqqif tas-Soċjeta'.

Illum is-soċjeta' tmexxi każin li hu ċentru rikrejattiv u kulturali popolari fost in-nies tal-Gżira u dejjem bil-għan li tkabbar l-imħabba u l-interess fl-arti tal-mużika. Din is-sena għall-ewwel darba ħatret assistent surmast, is-Sur Sunny Portelli, biex dan flimkien mas-Surmast Carmelo Schembri jkun jista' jieħu ħsieb aħjar it-tagħlim tal-mużika u l-organizzazzjoni tal-programmi.

## IL-BANDA "SAN GORG MARTRI" TA' ĦAL- QORMI

Is-Soċjeta' Filarmonika "San Gorg Martri" ta' Ħal-Qormi ġiet imwaqqfa fl-1893. Il-Fundatur tagħha huwa s-Sur Gużeppi Farrugia li tagħha kien ukoll l-ewwel President. Il-Banda kella seba' Direttturi — erbgħa minnhom Qriema — li kienu Carmelo Abela, Gorg Zarb, Vincenzo Carabot, Nikola Montebello, Giovanni Vella, il-Kav. Mro. Anton Muscat Azzopardi A.Mus.L.C.M., O.S.J :, u d-Direttur preżenti l-Kav. Surmast Abel J. Mizzi A. Mus. L.C.M., O.S.J., li ilu Direttur tagħha mill-1963.

Il-Banda "San Gorg Martri", ħadet spinta 'l quddiem taħt id-direzzjoni ħabrieka tas-Surmast Giov. Vella li kien Direttur tagħha bejn l-1924 u l-1950. Din l-ispinta żammitha sal-lum. Il-Banda "S. Gorg M." kienet iddoqq fuq l-34 programm fis-sena kif juru r-'records' ta' din is-Soċjeta'.

Is-Soċjeta' kellha disa' Presidenti fosthom il-Prokuratur Legali s-Sur Fortunato Ellul li dam President mill-1924 sa l-1950. Warajh, is-Soċjeta ħatret lil Dott. Gorg Zammit B.A., LL.D., bħala President li dam sa l-1972. Taħt dan il-President is-soċi ngħataw id-dritt tal-vot għall-elezzjoni ta' membri tal-Kumitat. Il-President attwali huwa s-Sur Ismael Mizzi.

Barra mis-sehem qawwi tal-Banda fil-ġranet tal-festi tal-Patrun tal-Parroċċa, wieħed ma jistax ma jsemmix is-sehem tagħha fil-Proċessjoni tal-Gimgħa l-Kbira u dik ta' l-Għid meta ddoqq mużika komposta għall-okkażżjoni.

Il-Banda "S. Gorg M." ta' Ħal-Qormi kienet l-ewwel waħda li ntroduċiet aljievi tfajliet — pass li fi żmienu deher ardit u qawwi u ħoloq kontroversji, iżda wara kulħadd beda jadottah.

## GĦAQDA MUZIKALI SAN MIKIEL — ZABBAR

Il-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Zabbar twaqqfet fis-sena1883. Għall-ewwel kienet magħrufa bħala 'Societa' Filarmonica del Zabbar'. Ma dan l-isem, mill-1887 'il hawn, insibuha magħrufa bħala 'Societa' Filarmonica San Michele'. Sa qrib l-aħħar snin tas-seklu l-ieħor kienet magħrufa uffiċjalment biż-żewġ nomenklaturi. 'Societa' Filarmonica del Zabbar' u 'Societa' Filarmonica san Michele'.

Bħal l-biċċa l-kbira mill-baned ta' dak iż-żmien, kienet magħmula minn 'Scuola' u 'Casino'. Kienet skola tal-mużika biex tħarreġ allievi u każin għar-rikreazzjoni u biex igħinha.

Mill-ewwel snin tat-twaqqif tagħha bdiet tieħu sehem fil-festa titularli tal-Madonna tal-Grazzja, kif ukoll sal-bidu ta' dan is-seklu kienet tiffesteġġja b'solenita' kbira l-festa tal-qaddis patrun tagħha — San Mikiel Arkanġlu. Fl-aħħar snin tas-seklu l-ieħor ġie li ħadet sehem fil-festi nazzjonali ta' l-Otto Settembre, fl-Isla, Bormla u l-Birgu.

Fl-1906, twaqqfet fi ħdana s-Soċjeta' tal-Mutuo Socorso. Fl-1934, kienet minn ta' quddiem nett li biddlet isimha mit-Taljan għal Malti. Hi t-tieni banda f'dawn il-gżejjer li bdiet iddoqq l-Innu Malti, fl-1936. Matul il-gwerra, il-każin serva bħala skola u fl-eqqel tal-gwerra baqgħet tieħu sehem fil-festa titulari tal-Grazzja. Hija l-ewwel Banda Maltija li dehret fuq it-T.V. ta' l-Ingilterra, fl-1954. Hi wkoll l-ewwel waħda li kellha mara fost il-Mużiċisti tagħha. Mrs. Gracie Barnett. Fl-1960, ħadet sehem b'marċ fit-tqiegħed ta' l-ewwel ġebla tal-Workers Memorial Building, South Street Valletta. Is-sena l-oħra ġiet it-tieni fil-konkors tal-banda.

Il-Banda San Mikiel, diversi drabi, ħadet sehem f'marċijiet u programmi nazzjonali fil-Belt u dejjem kienet mistiedna f'festi titulari u sekondarji f'dawn il-gżejjer. Fil-bidu tas-snin tlettinijiet kienet ħadet sehem fil-festi tal-Karnival bil-Kostum — H. M. Nanna Kola.

Generalment, is-Surmastrijiet tagħha, kienu jkunu magħżula mill-aħjar element tar-Royal Malta Artillary Band u personalitajiet ċivili. Is-Surmast preżenti hu Mro. John Pace, Zabbari li hu wkoll Surmast Direttur ta' tlett baned oħra, u hu anki fil-Board tas-Surmastrijiet tal-Band Club Association.

## DUKE OF CONNAUGHT'S OWN BAND — B'KARA

Il-Banda Duke of Connaught's kellha l-ġenesi tagħha fl-1865 taħt is-surmast Tumas Galea. Maċ-ċirkustanzi taż-żmien l-isem tal-banda tbiddel tlitt darbiet sal-1903, f'liema sena ħadet l-isem preżenti. Bejn is-snin 1865 u 1983 kellha diversi surmastrijiet fosthom Raffaeli Ricci li kkompona l-Innu Popolari ta' Sant Elena li għadu jindaqq sal-lum. L-isem tal-banda preżenti ġie mogħti mid-Duka ta' Connaught fl-1903 meta dan għamel żjara f'Malta.

Fl-istorja tas-Soċjeta' nsibu li l-banda siefret Catania u għamlet programm mużikali ġo Villa Bellini fil-11 ta' Settembru 1926 Fis-7 ta' Settembru, 1930, ġiet mistiedna ġo Noto, fejn għamlet marċ stil Militari.

Għal-inkoronazzjoni tar-Re Gorg VI, il-banda Duke of Connaught għamlet programm il-Belt.

F'Awissu ta' l-1965, il-banda kellha ċ-Centinarju, meta għamlet Programm Vokali u Strumentali taħt id-direzzjoni tas-Surmast Clo. Brincat.

Il-banda Duke of Connaught tieħu sehem attiv fil-festi ta' B'Kara, barra li tieħu sehem ukoll f'bosta festi ta' rħula oħra.

Il-banda fil-preżent qegħda taħt id-direzzjoni tas-surmast Andrew Coleiro.

Dan li għadna kif irrividejna huwa biss sinopsis ta' l-istorja illustri f'118 il-sena tal-eżistenza tal-banda Duke of Connaught.

## STORJA QASIRA TAL-BANDA LA STELLA

Fil-Gudja, kienet teżisti, sa mill-antik, devozzjoni lejn ir-Rużarju tal- Madonna, u l-Gudjani kienu minn dejjem ħerqana li jagħmlu festa xierqa lill-Madonna tar-Rużarju.

Kien għalhekk, li fl-1919, grupp ta' żgħażagħ, flimkien ma nies oħra, ddeċidew li jwaqqfu Każin, fejn ikunu jistgħu jiltaqgħu u jorganiżżaw festa aħjar lill-Madonna. Biex ikomplu jkabbru l-festa, dawn iż-żgħażagħ ddeċidew li jiffurmaw Orkestra bejniethom, sabiex tkun tista' tieħu parti fil-Festa tal-Madonna tar-Rużarju, kemm ġewwa l-knisja, kif ukoll barra, fil-publiku. Dina l-Orkestra, misserijietna, semmewha La Stella. Dina l-Orkestra baqgħet attiva għal bosta snin sakemm, fl-1936, grupp ta' żgħażagħ oħra, tħajru li jibdew jitgħallmu xi strumnet tal-banda, u għalhekk l-Orkestra La Stella ġiet trasformata f'Banda, bl-istess isem La Stella, li għadha tissejjaħ hekk sal-lum. L-ewwel Surmast tagħha kien Gio Maria Abdilla sakemm, fl-1949, id-direzzjoni tal-Banda La Stella waqgħet f'idejn Mro. Angelo Pace L.Mus., L.C.M., u għadha hekk sal-lum, 34 sena wara.

Il-Banda La Stella malajr ħadet fama tajba, tant li darba jew oħra, ħadet parti, tista' tgħid, fl-ibliet u l-irħula kollha ta' Matla, u anke f'Għawdex. Hija ilha tipparteċipa fil-Karnival ta' Malta għal tlettax il-sena konsekuttiva, fejn ħadet l-Ewwel Premju għal erba' darbiet wara xulxin. Bħala policy, il-Banda La Stella tieħu parti f'kull okkażjoni soċjali u kulturali ta' pajjiżna, speċjalment fir-raħal żgħir tagħha l--Gudja.

Is-sena l-oħra l-Banda La Stella, Gudja ħadet sehem fl-ewwel konkors tal-Baned.

Il-president tal-Kumitat tal-Band La Stella huwa l-maġistrat Gawdenz Borg.

**Antonio Manoel**

**De Vilhena**



Grand Master *Antonio Manoel de Vilhena,* a Portuguese, was elected Grand Master in 1722. A man of great intellectual qualities, he was popular with all, and his "savoir faire" earned him everyone's love.

At the beginning of his reign, fearing a second Turkish invasion of Malta, he promptly took steps against such an eventuality, and the enemy, seeing his preparedness, sailed away without even attempting a landing.

Having fortified the Island, he began to find ways and means of encouraging civil enterprise, and in the political field he managed to negotiate a treaty of peace with the Sultan of Constantinople.

As a befitting gesture towards the People of Malta, he built in 1732 the Manoel Theatre which is a living monument to his achievements. It keeps his memory fresh and glorious in all those who cultivate the Arts and all those who seek an honest recreation, as is implied by the Theatre's motto: *"Ad honestatem populi oblectationem."*

# FORTHCOMING EVENTS

Ministry of Foreign Affairs and Culture — National Festivities Committee — REPUBLIC DAY MALTA FOLK CONCERT — Monday 12th at 7.00 p.m.; Tuesday 13th at 7.00 p.m.

Manoel Theatre Management Committee — MANOEL THEATRE ORCHESTRA — Soloist PETER MERREY (Horn Player) — Tuesday 20th at 7.30 p.m.

M.A.D.C. — CHRISTMAS PANTOMIME — PUSS IN BOOTS — Thursday 29th at 7.30 p.m.; Friday 30th at 7.30 p.m.; Saturday 31st at 2.30 p.m.

JANUARY 1984 — Monday 2nd at 7.30 p.m.; Tuseday 3rd at 7.30 p.m.; Wednesday 4th at 7.30 p.m.; Thursday 5th at 7.30 p.m. Friday 6th at 7.30 p.m.; Saturday 7th at 2.30 p.m. and at 7.30 p.m.; Sunday 8th at 2.30 p.m.

# THE MANOEL THEATRE FOYER

The Bonici Palace on the corner of Old Bakery Street, acquired by the Manoel Theatre two decades ago, has been completely restored and now constitutes its foyer. It can be approached from the auditorium, the level of your box, or from the original courtyard. Climbing the staircase with its shallow steps of white Carrara marble you see at every turn shell-shaped niches in one of which you may find the bust of your favourite composer. Further up, double doors inset with bevelled-edged mirrors lead to impeccable cloakrooms.

There are wall brackets and chandeliers from Vienna, heavy silk curtains in bluey / green and gold, a pair of candelabra and, at the top of the stairs, a truly magnificent chandelier once the property of the Messina family.

You will see engravings depicting characters and scenes from famous operas and show-cases in which are to be found *memorabilia* of the Theatre collected throughout the years. An antique mirror hangs above the eighteenth century mantelpiece. Beautiful furniture has been collected from the Auberges and carefully restored. The ceiling is a particular delight, the newly hand-painted beams, so near in colour to the curtains, are decorated with the Maltese Cross and small crowns picked out in gold.

Keeping guard over all this splendour stands the bust of Grand Master Antonio Manoel de Vilhena which was recovered from Manoel Island.

A visit to the Manoel Theatre Foyer is a must for every art lover, this splendid old house, restored to its pristine glory, makes a marvellous venue for any art Exhibition. The setting and accoustics are perfect for recitals and poetry reading.




## MANOEL THEATRE BOOKING PLAN

Late comers will not be admitted to the Auditorium.

Smoking is not permitted in the Auditorium, in the Boxes and in the Gallery.

The Management reserve the right to vary or omit any part of the programme without previous notice.

Patrons are reminded that the taking of photographs during the performance is not allowed.

Children even when accompanied by their parents, will be required to occupy a seat.

# More people to more places.




Only AIR MALTA brings so many destinations to your doorstep with frequent DIRECT flights from Luqa Airport to 15 cities in Europe, North Africa and the Middle East, and at most convenient departure times.

And on every flight you are assured of the friendly and efficient service you have become accustomed to.

**As the national airline, we are proud to extend our traditional hospitality whilst at home.**



**AIRMALTA**

at home on your own airline